# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 514**

**It-Tnejn 12 t'Awwissu, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia – Viċi Sindku
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Patrick Barbara – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**514.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

514.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

514.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Buttigieg fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg ikun skużat.

514.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tkun skużata.

514.1.4 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Kaptan Patrick Barbara fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kaptan Patrick Barbara jkun skużat.

**514.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

514.2.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 513.7.1 u minflok il-kliem 'ħadmet fuq l-applikazzjoni qabel ma ġew imqassma', jidħol il-kliem 'bdiet taħdem fuq l-applikazzjoni qabel ma ġew imqassma b'mod uffiċjali'.

514.2.2 Il-minuti tal-513 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**514.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

514.3.1 Is-Sindku rrefera għall-attività *Malta Pride Initiative 2019* u nforma lill-Kunsill illi kienet saret talba lil Transport Malta sabiex isir tibdil fil-kulur taż-żebgħa tal-art taż-żebra *pedestrian crossings* li hemm fi Triq Bajada u fi Triq ix-Xgħajra biex isiru bil-kulur tal-qawsalla.

514.3.2 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas staqsiet jekk kinitx saret it-talba lil Transport Malta sabiex isir tibdil fil-kulur taż-żebgħa tal-art taż-żebra *pedestrian crossings* bil-kulur blu u aħdar. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal illi Transport Malta kienet ser tapprova tibdil fil-kulur ta' żebgħa ta' żebra *pedestrian crossings* f'attivitajiet marbuta fuq skala nazzjonali biss. Is-Sindku żied jgħid li minflok iż-żebra *pedestrian crossings* kienu ser jinżebgħu l-bankijiet ta' Triq il-Kbira bil-kulur aħdar u blu.

514.3.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa fil-kampanja *'Pink October 2019'*, intiża biex tqajjem għarfien aħjar dwar il-marda tal-kanċer, billi l-Mina ta' Hompesch kif ukoll il-Monument tal-Gwerra f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi jiġu mdawwla b'lewn roża.

514.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu ma' *Infrastructure Malta* ġiet diskussa l-possibilità li jitħawwlu siġar fi Triq Wied il-Għajn, Triq San Ġużepp u Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

514.3.5 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa kemm kienu ser jitħawwlu siġar f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kien hemm il-possibiltà li jitħawwlu madwar elf siġra.

514.3.6 Il-Viċi Sindku staqsiet x'tip ta' siġar kienu ser jitħawwlu peress illi mhux kull siġra hija addattata għat-toroq Maltin. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li s-siġar jistgħu jkunu ta' periklu jekk jitħawwlu bla ħsieb.

514.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu tneħħew il-qsari minn fuq it-*traffic island* ta' Triq ix-Xgħajra.

514.3.8 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mill-*Foundation for Social Workers Services* sabiex joffru s-servizzi tagħhom minn Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mal-perit tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-possibiltà li jsir żvilupp fl-ewwel sular ta' fuq il-latrini pubbliċi li hemm fi Ġnien il-Kunsill sabiex jintużaw bħala uffiċini.

514.3.9 Is-Sindku tkellem dwar id-*day / night shelter* għall-anzjani Żabbarin fil-bini tal-Istitut Dar Sagra Familja u qal illi waqt laqgħa li kellu mal-Kurja, il-Kunsill ġie mitlub jagħmel emendi fil-pjanti oriġinali. Is-Sindku żied jgħid illi huwa kien informa lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel dawn l-emendi.

514.3.10 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li wara l-quddiesa tan-novena li ser issir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Settembru, 2019 tiġi organizzata attivita' bil-kollaborazjoni tal-Azzjoni Kattolika, lill-anzjani Żabbarin.

514.3.11 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Sur Justin Bonnici, Żabbari li jispeċċjalizza bħala artist tat-triq, ġiet diskussa l-possibilità li ssir tpinġija fuq it-Teatru Grieg u fuq parti mill-ħajt li hemm fi Ġnien il-Kunsill. Din it-tpinġija kienet tinkludi logħob tradizzjonali Malti u żgħażagħ b'karnaġġjon differenti fuq bandla. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ispiża sabiex issir din it-tpinġija kienet tammonta għal €1,400 inkluż il-VAT kif ukoll ħlas addizzjonali għall-kiri ta' *scaffolding*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Justin Bonnici jpinġi fuq it-Teatru Grieg u fuq parti mill-ħajt għall-prezz ta' €1,400 inkluż il-VAT.

514.3.12 Il-Viċi Sindku staqsiet meta kien ser isir ix-xogħol ta' tpinġija. Is-Sindku qal illi kien għad irid jiddiskuti mal-artist.

514.3.13 Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Kunsill jikkonsidra postijiet oħra fejn jistgħu jsiru aktar tpinġijiet mill-artist Justin Bonnici.

514.3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex jiġi nnominat Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lis-Sinjorina Mary Rose Caruana bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

514.3.15 Is-Sindku qal illi kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-Perit tal-Kunsill sabiex isiru żewġ gradi f'kull entratura tad-*dog park* minħabba sigurta għall-klieb.

514.3.16 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas semmiet il-ħtieġa li tiġi ~~arbulata~~ marbula l-ħamrija tad-*dog park* sabiex titnaddaf mill-ħġieġ li fiha, jiġu mwaħħla *bins* tal-iskart separat, jitwaħħlu tabelli b'informazzjoni ta' fejn wieħed għandu jċempel f'każ li jinstabu siringi u tabelli b'informazzjoni sabiex is-sidien inaddfu wara li l-kelb iħammeġ. Il-Viċi Sindku talbet sabiex dawn it-tabelli isiru bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Emendati

514.3.17 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lil Transport Malta sabiex fi Triq Hompesch kantuniera ma' Triq il-Kbira, f'Misraħ tal-Madonna Medjatrici, fi Triq Papa Piju V, f'Misraħ is-Sliem, fi Triq San Duminku u fi Triq il-Kbira maġenb l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja jsiru toqob fl-art u matul attivitajiet tal-Kunsill kif ukoll matul attivitajiet tal-festa, it-triq tkun tista' tingħalaq bil-*bollards* minflok bil-*barriers.*

514.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jiġi ffirmat il-ftehim mal-Awtorità tad-Djar dwar Skema 2 – Manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien ġie allokat is-somma ta' €12,000 sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-komun ta' Binja J fi Triq il-Ġiżimina u fil-komun ta' Binja I fi Triq il-Ward. Is-Sur Joseph Vella qal illi kien laqqa' lir-residenti ta' Binja J u Binja I u żied jgħid li kienu ġew magħżula l-amministraturi kif mitlub mill-Awtorità tad-Djar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jibqa' jaħdem fuq il-proġett ta' manutenzjoni ta' dawn iż-żewġ binjiet taħt Skema 2 - Manutenzjoni tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern.

514.3.19 Is-Sindku irrefera għall-applikazzjoni numru PA 0533/19 fejn kien qed jiġi propost bini ta' *child care centre* u *kindergarten* fi Triq tal-Labour. Is-Sindku ressaq kopja tal-pjanti li ġew sottomessi mal-Awtorità tal-Ippjanar u qal illi l-

proġett propost fi Triq tal-Labour ma kienx ser ikun kollu fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ) peress illi diġa kien hemm dar eżistenti.

514.3.20 Il-Viċi Sindku qalet li ma taqbilx li tiġi żviluppata art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ) u talbet sabiex il-Kunsill joġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

514.3.21 Is-Sindku qal illi kien qed jiġbor informazzjoni dwar kemm kien hemm *childcare centres* f'Ħaż-Żabbar.

514.3.22 Is-Sindku qal illi l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tkun li l-Kunsill ma jmurx kontra l-iżvilupp ta' *child care centre* u *kindergarten* iżda kontra l-iżvilupp f'art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ).

514.3.23 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti l-oġġezzjoni għall-applikazzjoni numru PA 0533/19 peress illi l-iżvilupp propost kien ser isir fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ).

**514.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Ġunju 2019**

514.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2019. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2019.

**514.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

514.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Lulju 2019 u t-12 t'Awwissu 2019 li kienet tammonta għal €88,941.16.

514.5.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2019 li kien jammonta għal €45.04.

**514.6 Skemi Finanzjarji;**

- Espressjoni t' interess C*lean Up The World* 2019 SPI.SCI.13.2019

514.6.1 Is-Sindku tkellem dwar il-finanzjarjament ta' Skema Espressjoni ta' Interess Clean *Up The World* 2019 SPI.SCI.13.2019 u qal illi din l-espressjoni t' interess ser tiffinanzja sa massimu ta' €1,000 inkluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema finanzjarja u jnaddaf Triq Felice kantuniera ma' Triq il-Ħawt. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jinvolvi lill-grupp tal-iscouts ta' Ħaż-Żabbar matul din l-attività.

514.6.2 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li titnaddaf art mitluqa bejn Triq is-Silla u Triq it-Telliera.

514.6.3 Fis-7.35 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri daħlet għal-laqgħa.

- *Community Inclusive Employment Scheme* SPI.SCI.14.2019

514.6.4 Is-Sindku tkellem dwar skema finanzjarja favur il-komunità - *Community Inclusive Employment Scheme* SPI.SCI.14.2019. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma japplikax għal din l-iskema peress illi l-Kunsill diġa kien qed iħaddem żewġ persuni b'diżabilità.

- Ħajja aħjar permezz ta' eżerċizzju fiżiku u sports SPI 12/2018

514.6.5 Is-Sindku tkellem dwar skema finanzjarja favur il-komunità - Ħajja aħjar permezz ta' eżerċizzju fiżiku u sports SPI 12/2018 u nforma lill-Kunsill illi fil-leġislatura tal-Kunsill preċedenti kienet saret applikazzjoni sabiex isir *gym* fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku talab li ma jitwaħħalx makkinarju fil-grawnd tal-futbol peress illi bħalissa kien qed jintuża għal attivitajiet sportivi. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ li l-makkinarju tal-*gym* ma joqgħodx kollu fi Ġnien il-Kunsill, il-kumplament tal-makkinarju jiġi nstallat fil-*playing field* Ġnien il-Mistrieħ fiż-żona ta' St Peter.

**514.7 Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019)

514.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kumitat ta' evalwazzjoni kienu għadhom għaddejjin bil-proċess ta' evalwazzjoni peress illi l-Kunsill kien qed jistenna risposta għal kjarifiki li saru lill-operaturi.

- Ġbir ta' skart domestiku (ZLC 5/2019)

514.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kumitat ta' evalwazzjoni kienu għadhom għaddejjin bil-proċess ta' evalwazzjoni peress illi l-Kunsill kien qed jistenna risposta għal kjarifiki li saru lill-operaturi.

- Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019)

514.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kumitat ta' evalwazzjoni kienu għadhom għaddejjin bil-proċess ta' evalwazzjoni peress illi kellhom jintbgħatu xi kjarifiki lid-Dipartiment tal-kuntratti.

**514.8 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13**

514.8.1 Is-Segretarju ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjorina Naomi Agius hija adattata għal din il-kariga u għamel din ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Naomi Agius tiġi mpjegata bħala Uffiċjal Eżekuttiv – (Skala 13) b'effett mill-1 ta' Settembru 2019.

514.8.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-permess ta' Jobsplus sabiex issir sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 mal-Kunsill.

514.8.3 Is-Sur Joseph Vella semma l-ħtieġa li l-Kunsill ikollu *project manager* li jieħu ħsieb l-applikazzjonijiet u proċessi relatati ma' proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' *project manager* – Fondi Ewropej.

514.8.4 Fit- 8.00 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

**514.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

514.9.1 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill japplika għall-fondi disponibbli mill-Aġenzija LESA. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jagħmel xogħol ta' restawr b'dawn il-fondi kif diskuss f'laqgħa preċedenti.

514.9.2 Il-Viċi Sindku qalet illi kienet attendiet għal-laqgħa tar-Reġjun Xlokk fejn fost oħrajn, ġiet diskussa l-possibilità li l-Kunsilli Lokali jagħmlu użu mill-fondi li tqassmu lir-Reġjun Xlokk mill-Agenzija LESA.

514.9.3Il-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsill li r-Reġjun Xlokk kienu ser joffru tlett *cigarette bins* sabiex jitwaħħlu fil-lokalità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitwaħħal *cigarette bin* fi Triq il-Kbira fil-viċinanzi tal-każin tal-Partit Laburista, ieħor fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi tal-każin tal-Partit Nazzjonalista u ieħor fi Triq is-Santwarju faċċata tal-venda l-antika.

514.9.4 Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill jista' jagħmel użu mill-ħaddiema tal-RSSL li hemm assenjati mar-Reġjun Xlokk. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien diġa ressaq talba mar-Reġjun Xlokk biex jintbgħat grupp ta' ħaddiema tal-RSSL u jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni ta' żebgħa. Is-Sindku żied jgħid li dawn il-ħaddiema kellhom jintbgħatu jagħmlu xogħol mal-Kunsill qabel il-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

514.9.5 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li l-Kunsill jibda joffri s-servizz ta' tuk tuk fil-lokalità. Dan sabiex l-anzjani li jgħixu Ħaż-Żabbar jivvjaġġaw fil-lokalità permezz ta' tuk tuk, li jmur għalihom id-dar, iwassalhom għall-qadja li jkollhom u jerġa' jeħodhom lura bil-għan li l-anzjani jibqgħu indipendenti.

514.9.6 Is-Sur Joseph Agius talab li ssir mera ġdida fi Triq ix-Xgħajra kanuniera ma' Triq Felice.

514.9.7 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex issir *road hump* fil-parti d-dejqa ta' Triq G Agius Muscat.

514.9.8 Is-Sindku talab sabiex sal-laqgħa li jmiss kull kunsillier jippreżenta lista li tinkludi talbiet għal xogħol relatat ma' *road humps,* manutenzjoni ta' bankini, bankini ġodda, *traffic management* u lista ta' toroq li għandhom bżonn jiġu mogħtija wiċċ ġdid. Is-Sindku talab ukoll sabiex il-lista pprovduta tkun dettaljata b'indirizz komplut u fejn hu possibli jintbgħatu r-ritratti.

514.9.9 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri sabiex jipprovdu lista tal-membri tas-Sotto Kumitat.

514.9.10 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex jgħaddu l-ilmenti lill-impjegati tal-Kunsilll permezz tal-email u mhux permezz tal-mezzi soċjali.

514.9.11 Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri talbet sabiex Triq is-Selq issir *one way* minn naħa ta' Triq il-Bur.

514.9.12 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-*culverts* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq Felice ma' Triq l-Iskola jiġu mqabbda mal-proġett tal-*water flood relief* biex tiġi ndirizzata l-problema ta' għargħar tal-ilma tax-xita.

514.9.13 Is-Sinjorina Ghislaine talbet sabiex isir *traffic management* fi Triq Villabate.

514.9.14 Is-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri talbet sabiex isiru sinjali sofor quddiem residenza fi Triq il-Ġnien peress illi l-vetturi kienu qed jagħlqu l-aċċess tad-dar.

514.9.15 Il-Viċi Sindku talbet sabiex jinbidlu l-arbuxelli li hemm madwar il-monument t'Agatha Barbara.

514.9.16 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-monument t'Agatha Barbara kien għadu mitfi.

514.9.17 Il-Viċi Sindku talbet sabiex jiġi rranġat id-dawl tal-monument tal-gwerra peress illi kien mitfi.

514.9.18 Il-Viċi Sindku staqsiet meta kienet ser issir il-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-problema tal-għargħar fi Triq id-Dliela. Is-Sindku qal illi l-laqgħa kienet ser ssir fil-ġimgħat li ġejjin.

514.9.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi d-delegazzjoni Ġermaniża ma kinitx ser iżżur Ħaż-Żabbar matul il-ġranet tal-festa u għalhekk talab sabiex ir-riċeviment tal-festa isir nhar is-Sibt 7 ta' Settembru, 2019 fis-7.00 ta' filgħaxija. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**514.10 Mozzjonijiet;**

514.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**514.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

514.10.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

514.10.3 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-515 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru, 2019.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku